**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Ottubru 2024</u>**

**<u>Rikors Guramentat nru : 223 /2021 AGV</u>**

**JM M**

**Vs**

**KM**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors Guramentat ta' JMM ;**

**Tesponi bir-rispett u bil-gurament tiddikjara:**

a) Illi l-kontendenti zzewgu nhar il-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju, tal-elfejn u hamsa (2005) (Ara kopja tac-certifikat anness u mmarkat Dok A) u minn dan iż-żwieġ kellhom wild, SK M imwielda nhar is-sebgha (7) t'Ottubru, tas-sena elfejn u disgha (2009) (Ara kopja tac-certifikat anness u mmarkat Dok B);

b) Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli minhabba abbuz, vjolenza, eccessi, minaccji, sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet ohra, kif ukoll minhabba adulterju da parti tal-konvenut, u affarijiet ohra validi fil-ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibbli u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skont il-ligi, bi htija imputabbli unikament lill-konvenut;

c) Illi l-konvenut huwa bniedem dominanti, kontinwament jezercita kontroll fuq martu, manipulattiv u vjolenti emozzjonalment, fizikament u finanzjarjament fil-konfront taghha, liema agir anka gie kommess fil-prezenza tal-minuri, tant li l-minuri kienet affetwata negattivament, tant li sahansitra kellhom jigu nvoluti guidance teachers u psikologi, ma thosshiex komda fil-prezenza ta' missierha, tibza' minnu u ghaldaqstant ma tixtieqx illi tqatta' hin mieghu;

d) Illi ghalhekk, hija giet kostretta tintavola rikorsi sabiex jigu regolati l-aspetti civili li jirregolaw il-minuri u llum hemm digrieti illi jordnaw lill-intimat ihallas manteniment ghall-minuri bintu, oltre nofs l-ispejjez tas-sahha u tal-edukazzjoni kif ukoll awtorizzazzjoni sabiex ir-rikorrenti titlaq mid-dar matrimonjali u tiehu lill-minuri maghha, b'dan illi l-intimat ihallas il-kera tal-fond tar-rikorrenti (Ara Dok C anness);

e) Illi in oltre, peress li sal-lum il-gurnata l-konvenuta ma setghetx tasal ghall-ftehim bonarju mal-intimat ghaliex huwa baqa jinsisti illi jmur kontra d-digrieti ta’ din l-Onorabbli Qorti liema digrieti kienu l-ewwel u qabel kollox decizi fl-ahjar interess tal-minuri u b’mod illi jissalvagwardjaw is-sahha u s-sigurta’ taghha u tar-rikorrenti kif ukoll sabiex ma jpogguhiex f’diffikultajiet finanzjarji aktar prekarji milli diga’ tinstab fihom, hija qieghda tuzufruixxi ruhha miz-zmien illi nghatat minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta’ digriet datat 12 ta’ Lulju, 2021 sabiex tipprocedi f’din l-istanza (Ara Dok D anness);

f) Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;

**Jghid ghalhekk il-konvenut, ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:**

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni ghar-ragunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut fosthom vjolenza, eccessi, minaccji, sevizzi, theddid u offizi gravi, kif ukoll adulterju da parti tal-konvenut fost affarijiet ohra, validi fil-ligi li rrendew il-hajja konjugali impossibbli u li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skont il-ligi, bi htija imputabbli unikament lill-konvenut;
2. Tafda l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri SKM f’idejn l-esponenti u sabiex tiehu kwalunkwe decizjonijiet relatati mal-hrug tal-passaporti, mas-safar, mas-sahha u mal-edukazzjoni tal-imsemmija minuri, u dan kif jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;
3. Tordna li l-imsemmija minuri tirrisjedi esklussivament mal-esponenti;

4. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta’ manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut ghall-minuri u jibqa’ hekk pagabbli sakemm l-imsemmija minuri taghlaq l-eta’ ta’ tmintax -il-sena (18) jekk tieqaf mill-iskola u tibda tahdem bi qliegh jew sa tlieta u ghoxrin sena (23) jekk il-minuri tiddeciedi li tibqa’ tistudja kemm part-time kif ukoll full-time; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut, mill-impjieg jew xoghol, jew kwalunkwe beneficcju li qieghed jippercepixxi l-konvenut, u jigu depozitati f’kont bankarju indikat mill-esponenti; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta’ kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja;
5. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas nofs l-ispejjez relatati ma sahha u edukazzjoni tal-minuri sakemm tkun ghadha qieghdha tistudja; inkluz u mhux limitatament, uniformijiet, transport, donazzjonijiet/ mizati tal-iskola, privatijiet, u kwalunkwe spejjez ohra relatati mal-edukazzjoni inkluz spejjez relatati ma’ attivitajiet extra-kurrikulari;
6. Taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri S, fozthom izda mhux limitatment dwar kif ghandu jigi regolat is-safar u l-hrug tal-passaport tal-minuri, b’dan illi l-passaport ghandu jinzamm mill-esponenti; kif ukoll dwar l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet familjari u edukattivi ohra u extra-kurrikulari, u dan taht kull provediment xieraq u opportun li joghogobha taghti din l-Onorabbli Qorti;
7. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-esponenti filwaqt illi tiddikjara illi l-attrici ghadha intitolata ghall-tali manteniment fl-eventwalita’ li jkun dovut lilha skont il-ligi u bhala konsekwenza ta’ dan id-dritt tiddikjara illi hija ntitolata tippercepixxi parti mill-pensjoni eventwali tieghu;

8. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta l-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill- konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta dina t-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta divizjoni u nutar sabiex jircievi l-att relattiv;

9. Tordna illi d-dar matrimonjali tal-kontendenti formanti parti mill-istess komunjoni tal-akkwisti, tinbiegh u r-rikavat jinqasam f’porzjonijiet ugwali bejnet il-partijiet wara illi jithallas il-loan pendenti mal-HSBC Malta p.l.c. u l-attrici tithallas l-arretrati kollha dovuti dwar hlas ta’ kera tal-appartament mikri minnha, manteniment tal-minuri u/jew hlas ta’ spejjez ta’ sahha u edukakazzjoni tal-istess minuri skont id-digrieti varji mghotija minn din l-Onorabbli Qorti liema hlasijiet ghalkemm dovuti baqghu ma thallsux mill-konvenut jew possibilment jibqghu ma jithallsux mill-konvenut sal-gurnata tad-decizjoni finali ta’ din l-Onorabbli Qorti;

10. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attrici hekk kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici tali beni dotali u/jew parafernali taghha jew kwalunkwe kreditu iehor, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti;

11. Tappunta kuratur sabiex jirraprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta’ divizjoni relattivi f’jum, hin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;

12. Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikoli 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u

tapplika kontrih interament jew in parte d-dispozizzjonijiet tal-artikoli 48, u 51 sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

13. Tordna li l-esponenti u l-minuri Scarlett jkomplu jirrisjedu wahedhom f'appartament mikri mill-attrici ad eskluzzjoni tal-konvenut, a spejjez tal-konvenut kif prezentement ordnati jaghmlu minn din l-Onorabbli Qorti ghall-ragunijiet validissimi illi gew sottomessi f'rikorsi appoziti u milqugha aktar minn darba minn din l-Onorabbli Qorti, sakemm isir il-bejgh tad-dar matrimonjali u l-attrici tinghatha sehmha mir-rikavat;

14. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

**Bl-ispejjez u imghaxijiet kollha kontra l-konvenut, inkluz il-proceduri ta' medjazzjoni u mandati, li huwa min issa ingunt ghas-subizzjoni.**

**Rat ir-<u>Risposta Ġuramentata</u>** tal-intimat **KCM** għar-rikors ġuramentat tar-rikorrenti tat-13 ta' Settmebru, 2021

**Jeċċepixxi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma u jiddikjara s-segwenti:**

1. Illi primarjament jinġieb għall-attenzjoni ta' din l-Onor. Qorti l-fatt illi r-rikors ġuramentat tar-rikorrenti huwa wieħed qarrieqi u mimli gideb u huwa intiż biss biex dan jitfa' lill-esponenti f'dawl ikrah.

2. Illi assolutament mhux minnu li l-esponenti qatt kien vjolenti fil-konfront tar-rikorrneti u sintendi lanqas mhu minnu li huwa qatt kien wettaq "eccessi, minaccji, sevizzi, theddid, u offiżi gravi" fil-konfront tal-istess rikorrenti. Dawn huma totalment allegazzjonijiet infondati fil-fatt u ivvintati mir-rikorrenti li qatt m'aċċettat li ż-żwieġ bejn il-kontendenti intemm u tkisser irrimedjabbilment.

3. Illi assolutament mhux minnu anqas li r-rikorrenti għandha problemi finanzjarji; hija taħdem bħala għalliema mal-Istat u ilha aktar minn ħmistax (15) -il sena u għandha introjtu tajjeb, aktar milli għandu l-esponenti, filfatt hija taqla' aktar mid-doppju ta' dak li jaqla' l-esponenti.

4. Illi kuntrarjament għal dak allegat mir-rikorrenti fir-rikors tagħha, l-partijiet ma waslux fi qbil għal separazzjoni bonarja stante illi r-rikorrenti kontinwament timpika mal-esponenti u baqgħat ma tistax taċċetta li ż-żwieġ ta' bejniethom tkisser hekk kif ser jiġi spjegat fil-preżenti u provat tul dina l-kawża.

5. Illi b'rabta mal-punt preċedenti jingħad illi l-esponenti ried jasal fi ftehim raġjonevoli stante illiqed iħallas il-kera tar-rikorrenti fl-ammont ta' seba' mitt ewro (€700) mensili filwaqt li r-rikorrenti mhi tagħmel xejn sabiex id-dar li kienet matrimonjali tinbiegħ.

Kuntrarjament, ir-rikorrenti qed titlob prezz ogħla minn dak li jiswa l-fond matrimonjali u meta instab il-bejgħ hija irrifjutat l-istess bejgħ.

6. Illi l-esponenti apparti li jħallas il-kera tar-rikorrenti, jħallas manteniment għal bint il-partijiet fl-ammont ta' tlett mitt ewro (€300) mensili, liema manteniment ma jkoprix l-ispejjeż tal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri. Dan kollu filwaqt li huwa għandu loan fl-ammont ta' tlett mija u ħamsin ewro (€350) kull xahar, liema loam dejjem tħallas mill-esponenti, mill-bidu nett taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet.

7. Illi inoltre jingħad li l-esponenti dejjem ħallas kull m'għandu x'jaqsam mal-akkwist tad-dar matrimonjali waħdu u dan sa minn meta ħallas id-depożitu għall-istess dar matrimonjali; huwa involva lil martu r-rikorrenti fiha biss, sabiex seta' jinħareġ il-*loan* bankarju. Pero' l-istess loan dejjem tħallas mill-esponenti.

8. Illi inoltre u dejjem bla preġudizzju għal dak suċċepit, jinġieb għall-attenzjoni ta' din l-Onor. Qorti l-fatt illi meta l-esponenti inizja proċeduri għas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet, fis-sena elfejn u tmintax (2018), ir-rikorrenti telqet mid-dar bil-minuri u ma kienetx ħalliet lill-esponenti jara lil bintu xahar sħiħ. Aktar tard l-esponenti aċċetta li martu tirritorna fid-dar matrimonjali, u hija kienet imbagħad stqarret miegħu stess li kienet għamlet hekk biex huwa jċedi u jaċċetta li jerġgħu jiprovaw jingħaqdu.

9. Illi r-rikorrenti minkejja tallega adulterju da parti tal-esponenti, m'g]andha ebda prova ta' dan u allura l-allegazzjoni tagħha hija waħda bla bażi. Konsegwentament mhux minnu li ż-żwieġ tkisser

mill-esponenti. Għalhekk l-ewwel talba tar-rikorrenti m'għandhiex mis-sewwa u għandha tiġi miċħuda.

10. Illi għar-rigward tat-tieni talba tar-rikorrenti jingħad illi r-rikorrenti diġa' tiddomina lill-bint il-partijiet minuri u tużaha bħala arma billi ċċaħħad lill-esponenti minnha. Filfatt il-ġenituri tal-esponenti li huma anzjani, għajr ħames darbiet jingħoddu ta' ftit minuti kull waħda, tul dawn l-aħħar sentejn, qatt ma jaraw lill-minuri minħabba l-piki banali tar-rikorrenti u wkoll il-kontroll li hija għandha fuq bint il-partijiet. Hawn jingħad ukoll illi il-ftit drabi li omm u missier l-esponenti rnexxilhom jaraw lill-minuri, huma kienu ġġamlu l-almu tagħhom u ċemplu lir-rikorrenti diversi drabi "jibkulha" biex din tieħu lill-minuri għandhom sabiex jarawha. Ikun assolutament inġust fil-konfront tal-esponenti kieku kellha l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti; din għandha tkun konġunta stante illi l-esponenti m'għandux ikun hemm biss għal skopijiet finanzjarji imma għandu jkun preżenti bis-sħiħ f'ħajjet bintu.

11. Illi għar-rigward tar-referenza għar-residenza tal-miuri fit-talba tar-rikorrenti, l-esponenti ma jsibx problema li r-residenza tal-minuri tkun mar-rikorrenti, basta li l-aċċess tal-esponenti jiġi eżerċitat.

12. Illi għar-rigward tal-manteniment għall-minuri hekk kif imsemmi fir-raba' u l-ħames talba tar-rikorrenti, l-esponenti jrid li l-manteniment jibqa' kif inhu u cioe' dak fl-ammont ta' tlett mitt ewro (€300) li pero' jkun wieħed li jkopri l-ispejjeż tal-edukazzjoni u s-saħħa.

13. Illi l-esponenti ma jsibx problema li r-rikorrenti żżomm għandha l-passaport tal-minuri.

14. Illi għar-rigward tas-seba' talba tar-rikorrenti, l-esponenti assolutament ma jaqbilx li din tintlaqa' stante li ż-żwieġ tkisser għal raġunijiet attribwibbli lir-rikorrenti. Fost l-oħrajn issir referenza għall-fatt li r-rikorrenti kellha wkoll problema ta' alkoħol, liema problema kompliet kissret iż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti.

15. Illi rigward l-għaxar punt fir-rikors tar-rikorrenti, jingħad illi ma hemmx qbil da parti tal-esponenti, stante illi d-dar għandha tinbiegħ kif inhi.

16. Illi b'rabta mat-tnax -il talba tar-rikorrenti, jingħad illi ma hemm ebda bażi li fuqha din l-Onor. Qorti tista' tordna d-dekadenza tal-esponenti mill-jeddijiet konjugali t'a bejn il-partijiet. Kif ser jiġi provat tul dina l-kawża, r-rikorrenti hija mara pikuża u kienet hija li kissret iż-żwieġ ta' bejn il-partijiet.

17. Illi jinġieb għall-attenzjoni ta' din l-Onor. Qorti l-fatt illi huwa **<u>ilu ma jara lil bintu minuri kważi sentejn</u>**. Huwa kontinwament jitlob lil omm bintu sabiex jara lill-istess minuri iżda dan kien dejjem inutili. Inoltre r-rikorrenti tfalli l-iskola tal-minuri għalxejn u meta l-esponenti jirċievi sms f'dan is-sens, u jsaqsieha għalfejn falliet l-iskola bintu, r-rikorrenti ma ttihx sodisfazzjon u ma twieġbux.

18. Illi għar-rigward tat-tlettax -il talba tar-rikorrenti l-esponenti jirrileva li huwa inaċċettabbli li martu tibqa' tipretendti li l-esponenti jibqa' jħallas il-kera tagħha meta hija tinsab f'qagħda finanzjarja aħjar minn tiegħu, meta hu jħallas *loan* għal proprjeta' li hija ser tieħu nofsha xorta waħda, u wkoll meta l-istess proprjeta' li serviet bħala

fond matrimonjali tinsab vakanti kapriċċożament. Huwa kjarament aġir abbużiv dak tar-rikorrenti li qed tagħmel minn kollox biex tintimida lill-esponenti.

19. Illi jiġi mfakkar li l-esponenti jinsab imċaħħad minn bintu li hija iddominata minn dak li tgħid ommha; ilu sentejn jiċċaħħad minn bintu u ma jeżerċita' aċċess kif suppost, u dan mingħajr ebda raġuni valida.

20. Illi għar-raġunijiet fuq premessi, t-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda interament u bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti minn issa inġunta sabiex tixhed in subizzjoni;

21. Bir-riserva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi.

Rat li l-partijiet waslu ghal ftehim bonarju fil-mori tal-kawza, u t-talbiet tar-rikorrenti gew ceduti, hlief ghal dak li jirrigwarda l-access versu l-minuri.

**<u>IKKUNSIDRAT:</u>**

Illi din il-kawza bdiet bhala wahda ta' separazzjoni, fejn il-partijiet lahqu ftehim bejniethom, u hallew biss li jigi ttrattat u deciz l-access bejn it-tifla tal-partijiet u l-konvenut.

Illi fil-mori tal-kawza, irrisulta li bint il-partijiet kienet ilha ma' tiltaqa' mal-konvenut missierha ghal aktar minn sena, u r-relazzjoni ta' bejniethom

kienet kwazi spiccat ghal kollox. Ghalhekk, il-Qorti kienet hatret lil Corinne Cilia bhala terapista ghall-minuri, sabiex tipprova tirristabbilixxi kuntatt tajjeb bejniethom.

L-ahhar rapport redatt mill-espert huwa datat 7 ta' Ottubru, 2024. Fih gie elenkat il-progress illi ntlahaq bejn il-konvenut u bintu, b'riserva li relazzjoni li kienet wieqfa ghal tul ta' zmien trid terga' tinbena bil-mod. Il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tara x'wassal ghal din il-firda bejn missier u bint. Jidher li s-separazzjoni tal-genituri kienet trawmatika ghall-minuri, u din wehidha tista' tiggustifika r-reazzjoni taghha u n-nuqqas ta' access li sehh dan iz-zmien kollu.

Madankollu, il-Qorti hi tal-fehma li huwa ta' gid ghall-istess minuri li terga' tibni relazzjoni ma' missierha, minkejja dak li setghet garrbet fil-passat. Kien importanti, ghalhekk, li filwaqt li jigi rikonoxxut li t-tifla ghaddiet minn esperjenzi difficli hafna ghaliha, kien wasal ukoll il-mument li titghallem minn dawn l-esperjenzi u timxi 'l quddiem, minghajr ma wiehed jnaqqas l-impatt ta' dawn il-grajjiet f'hajjet il-minuri.

Bl-intervent ta' Corinne Cilia, il-minuri regghet bdiet tattendi l-iskola, fl-aktar sena importanti tat-taghlim tas-sekondarja. Il-genituri wkoll fehmu li l-intervent taghhom mat-tifla jrid jkun attent hafna ghall-bzonnijiet taghha, u l-partijiet kollha koncernati jidhru li fehmu l-importanza ta' dan kollu.

Illi, ghalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li l-minuri ghandha tibqa' tigi segwita minn Corinne Cilia, a spejjez taz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom, ghal kemm tul ta' zmien huwa necessarju. Il-minuri llum ghandha l-eta' ta' hmistax-il sena, u ghalhekk ukoll mhux lok li jigi iddettat xi forma ta' access fiss mal-konvenut. Is-sessjonijiet li nzammu

ricentement taw risultat posittiv, mentri l-access b'supervizjoni holoq aktar hsara minn xejn. Ghalhekk l-access ghandu jibqa' wiehed liberu, bi ftehim bejn il-bint u l-missier. Jidher li l-partijiet kollha fehmu aktar x'inhu mistenni minnhom f'dan ir-rigward, u dan jawgura tajjeb li din il-kawza tintemm mhux biss ghal dak li jirrigwarda l-proprjeta' u l-assi tal-partijiet, izda anke fuq livell ta' imgieba bejniethom.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:

Takkorda access lill-konvenut versu l-minuri skond il-ftehim li jintlahaq bejn l-istess minuri u l-konvenut, minn zmien ghal zmien.

Testendi l-inkariku ta' Corinne Cilia ghal zmien ulterjuri, sabiex tipprovdi assistenza u ghinuna lill-minuri u l-partijiet fl-esercizzju tal-access.

**L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Antonio Giovanni Vella**

**Imhallef**

**Concetta Gauci**

**Deputat Registratur**